# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 10 ta' Ottubru, 2019**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 980/07JRM**

Joseph **PAĊE**

vs

Alfred **VIDAL**

**Il-Qorti:**

Rat r-Rikors Maħluf mressaq fl-24 ta' Settembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fil-15 ta' Frar, 2006, ġewwa Triq San Luqa, Ħal Qormi, wara li ttajjar mill-karozza misjuqa mill-imħarrek hu u jaqsam l-imsemmija triq, u għad-danni minnu mġarrba; (b) tillikwida d-danni mġarrba, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit minnha maħtur; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu l-ammont ta' danni hekk likwidat. Talab ukoll l-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja u l-ittri uffiċjali, flimkien mal-imgħax legali;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2007[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

[1] Paġġ 11 – 2 tal-proċess

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-9 ta' Ottubru, 2007, li biha l-imħarrek jilqa' għall-azzjoni attriċi billi jiċħad kull responsabbiltà għal dak li ġarrab l-attur. Jgħid li l-attur qasam it-triq b'mod traskurat, u li d-danni mġarrba minnu ma ġewx ikkawżati minnu f'dak l-inċident. Ladarba ma hemm ebda nuqqas dovut lejh, m'għandux ibati spejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Frar, 2008[2] li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju, u lill-Konsulent Ortopediku Ivan Espositu bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-attur u jikkonstata jekk l-attur sofriex debilità permanenti u f'liema grad, liema ħatra nbidlet b'degriet tas-16 ta' Novembru, 2010[3], fejn minfloku nħatar il-Kirurgu Anthony Bernard;

Rat il-verbal tal-25 ta' Novembru, 2010[4], u n-Nota tal-11 ta' Awissu, 2011[5], imressqa mill-partijiet fejn bi qbil talbu l-ħatra tal-Konsulent Massimo Abela bħala l-espert mediku f'din il-kawża, liema talba ntlaqgħet b'degriet tas-17 ta' Ottubru, 2011[6];

Rat ir-Rapport imressaq mill-espert mediku, l-Konsulent Massimo Abela, u maħluf kif imiss fir-Reġistru tal-Qorti nhar is-26 ta' Ġunju, 2012[7];

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2012[8], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti miġbura mill-istess Assistent Ġudizzjarju u x-xhieda mogħtija quddiemha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-14 ta' Mejju, 2013[9];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek tal-11 ta' Ġunju, 2013[10], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat in-Nota ta' Riferenzi mressqa mill-attur fil-11 ta' Lulju, 2013[11]

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[2] Paġ. 30 tal-proċess
[3] Paġ. 304 tal-proċess
[4] Paġ. 305 tal-proċess
[5] Paġ. 351 tal-proċess
[6] Paġ. 352 tal-proċess
[7] Paġġ. 36 4 – 8 tal-proċess
[8] Paġ. 373 tal-proċess
[9] Paġ. 387A sa -394 tal-proċess
[10] Paġġ. 396 sa 401 tal-proċess
[11] Paġġ. 400 – 1 tal-proċess

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni mġarrba mill-attur meta ttajjar mill-imħarrek b'daqqa ta' karozza. L-attur jgħid li l-ħtija ta' dak li ġara hija biss tal-imħarrek billi tajru waqt li kien miexi fuq bankina. L-imħarrek, min-naħa l-oħra, jiċħad kull responsabbilità u jgħid li hu ma jaħti xejn għal dak li ġara lill-attur. Jitfa' l-ħtija fuq l-attur billi jgħid li qasam it-triq b'mod traskurat;

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li nhar il-15 ta' Frar, 2006, għal ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' wara nofs in-nhar, l-attur waqaf biex jixtri minn ħanut ġewwa Triq San Luqa, Ħal Qormi, filwaqt li l-imħarrek kien għaddej mill-istess triq u qed isuq karozza tal-għamla *Toyota* bin-numru tar-reġistrazzjoni HAO 678[12]. L-attur kien qed isuq karozza, waqaf man-naħa l-oħra tat-triq fejn kien il-ħanut li minnu ried jixtri u qasam it-triq lejn dak il-ħanut;

Illi filwaqt li l-attur jgħid li kien għadu kif qasam it-triq u kien tela' fuq il-bankina meta ntlaqat mill-vettura misjuqa mill-imħarrek u kaxkritu[13], l-imħarrek jgħid li l-attur ħareġ minn ġo ħanut u beda jaqsam it-triq bil-għaġla bla ma ħares x'kien hemm fuq it-triq. Hu jgħid ukoll li nħasad bil-mod kif l-attur qasam għall-għarrieda u biex ma jtajrux, kiser għal fuq il-bankina, iżda xorta spiċċa ġie wiċċ imb'wiċċ mal-attur u laqtu[14];

Illi persuna li kienet għaddejja minn Triq San Luqa ftit tal-ħin wara l-inċident, tgħid li jidhrilha li rat lill-attur mixħut mal-art bejn it-triq u l-bankina[15];

Illi meta ġew il-Pulizija fuq il-post tal-inċident sabu lill-karozza misjuqa mill-imħarrek imrikkba fuq il-bankina u lill-attur mixħut mal-art għal tulu fuq il-bankina. Fuq il-post instabu wkoll xi *brake marks* għalkemm ma kinux fit-tul[16];

Illi l-attur ittieħed l-isptar jilmenta minn uġigħ f'dahru. Huwa dam rikoverat l-isptar jumejn[17]. Wara li ħareġ mill-isptar, għamel kors ta' fiżjoterapija;

[12] Ara dok. JP1 f'paġġ. 4 – 6 tal-proċess
[13] Ara l-affidavit ta' l-attur Dok. "JP" f'paġ. 15 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 378 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' Edwin Vassallo f'paġ. 78 tal-proċess
[16] Ara Dok. "JP1" f'paġ. 6 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin f'paġġ. 54 – 5 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda tal-konsulent Mark Schembri f'paġ. 119 tal-proċess

Illi l-attur jgħid li minħabba dan l-inċident ħajtu nbidlet u għandu limitazzjonijiet f'dak li jista' jagħmel. Minn eżami li sarlu mill-Konsulent Ortopediku Carmel Sciberras erba' xhur wara l-inċident, ġie ċertifikat li għandu debilità li ma tgħaddix ta' għaxra fil-mija (10%)[18];

Illi skond ir-rapport ta' l-espert mediku maħtur mill-Qorti, jirriżulta li l-attur għandu debilità li ma tgħaddix ta' sitta fil-mija (6%)[19];

Illi fil-jum tal-inċident, l-attur kellu wieħed u sittin (61) sena;

Illi jirriżulta wkoll li fl-1999, l-attur fuq rakkomandazzjoni medika, spiċċa mix-xogħol qabel iż-żmien[20];

Illi fil-5 ta' Lulju, 2007, l-attur bagħat formalment jinterpella lill-imħarrek b'ittra uffiċjali biex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni;

Illi fl-24 ta' Settembru, 2007, infetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti tibda bil-kunsiderazzjonijiet legali li jolqtu l-każ billi tgħid li bħala prinċipju, "*f'azzjoni bħal din l-attur jeħtieġlu jipprova l-fatt dannuż, l-imputabilità ta' dan il-fatt għal min ikun ikkaġunalu d-danni, u l-event dannuż emerġenti minn dan l-istess fatt. Il-Qorti għalhekk jeħtieġilha teżamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruħu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxielux jipprova konklużżivament il-ġustifikazzjoni li hu javanza biex jakkolla l-ħtija fuq il-konvenut nomine*"[21];

Illi dwar **l-ewwel stħarriġ** li trid tagħmel il-Qorti fid-dawl tal-elementi li għadhom kemm issemmew, ma jirriżultalha ebda dubju li tabilħaqq seħħ l-inċident li l-attur jgħid li ġara, jiġifieri li ntlaqat minn karozza misjuqa mill-imħarrek u dan waqt li kien miexi fit-triq. L-imħarrek, iżda, jisħaq li d-dinamika tal-inċident mhix dik kif jiddeskriviha l-attur. Fi kliemu, meta l-attur rah ġej bil-karozza, l-attur kien miexi fit-triq u reġa' lura għal fuq il-bankina. Sabiex jevita milli jtajjru, l-imħarrek lewa għal fuq il-bankina iżda spiċċaw wiċċ imbwiċċ u laqtu. Minn naħa l-oħra, l-attur jgħid li kien għadu kif qasam it-triq, u kien miexi fuq il-bankina meta l-vettura misjuqa mill-imħarrek ġiet fuqu u kaxkritu. L-attur jistrieħ fuq l-iskizz tal-Pulizija li juri li l-attur instab mixħut mal-art fuq il-bankina. Terza persuna li waqfet biex tagħti l-għajnuna ftit wara li ġara l-inċident tixhed li rat lill-attur mixħut mal-art bejn it-triq u l-bankina. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek jikkonferma l-iskizz tal-Pulizija fejn jindika lill-attur mixħut mal-art fuq il-bankina;

[18] Ara l-affidavit tal-attur Dok. "JP" f'paġ. 16 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "JP2" f'paġġ. 7-10 tal-proċess
[19] Paġġ. 364-368 tal-proċess
[20] Dok. "GH5" f'paġ. 59 tal-proċess
[21] P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Busuttil vs Sammy Meilaq noe*** (każ ta' korriment waqt ix-xogħol)

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti ssib li għandha toqgħod mad-deskrizzjoni tal-inċident mogħtija mill-Pulizija fir-rapport imħejji minnhom u fl-iskizz meħmuż mal-istess rapport. Dan jidher li jagħti stampa fidila u "*a tempo vergine*" tal-qagħda marbuta mal-inċident;

Illi dwar l-aspett tar-**responsabbilità ta' min jaħti għall-inċident**, irid jingħad qabel kull ħaġa oħra li hija regola ġenerali li kwestjonjiet ta' stħarriġ ta' responsabbilità f'ħabta jew inċident fit-triq, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri l-ewwel, li jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkustanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u t-tieni, li jżomm attenzjoni (*proper look out*) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih[22];

Illi, min-naħa l-oħra, lil hinn mis-sewwieq, dawk li juzaw it-triq (il-passanti) ukoll jridu jħarsu regola ewlenija, jiġifieri dik li jużaw it-triq b'mod tajjeb, b'mod partikolari meta jkunu qegħdin jaqsmu triq li minnha mistenni li jimxi t-traffiku[23];

Illi, bħala regola, meta persuna tagħżel li taqsam it-triq, tieħu fuqha r-responsabbiltà tal-għemil tagħha. Fil-każ fejn persuna qegħda taqsam it-triq, ma għandha teżisti l-ebda preżunzjoni li l-ħtija hija dejjem tas-sewwieq li jtajjarha jew li min qed jaqsam dejjem għandu raġun[24]. Dan jingħad ilgħaliex id-determinazzjoni tar-responsabbiltà għal inċident fejn persuna tintlaqat hija u taqsam it-triq tiddependi wkoll mill-mod kif dik il-persuna ġġib ruħha. Din ir-responsabbiltà fuq il-passant, madankollu, ma teħlisx lis-sewwieqa mill-obbligu doppju li jissemma aktar qabel, jiġifieri li jkunu jafu x'qiegħed jiġri fl-inħawi li minnu jkunu qegħdin isuqu u li jżommu kontroll tajjeb tal-karozza li tkun taħt il-kontroll tagħhom. Kemm hu hekk, il-persuna li tkun qegħda taqsam it-triq għandha l-jedd li tippretendi li s-sewwieqa jkunu għaqlin u diliġenti biżżejjed biex ma jtajruhiex hi u taqsam, u sewwieq li jkun naqas minn xi wieħed miż-żewġ dmirijiet ewlenin fuq imsemmija u li jkun b'hekk qiegħed lilu nnifsu f'qagħda li ma setax jevita li jtajjar lill-persuna li qegħda taqsam, għandu jerfa' l-ħtija ta' dak in-nuqqas[25];

Illi huwa llum stabilit ukoll li s-sewwieq f'każ ta' inċident fejn tittajjar persuna huwa meħlus biss mill-ħtija fejn joħroġ li l-persuna li qasmet it-triq tkun għamlet hekk għall-għarrieda, jew qasmet minn post li bniedem mhux maħsub li jaqsam minnu[26], jew tkun ġabet ruħha b'mod li poġġiet lis-sewwieq

---

[22] Ara per eżempju, P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd et noe vs Joseph Camenżuli*** (mhix pubblikata) Cit. Nru. 427/1997; P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefan Bonello vs Carmelo Abela*** (mhix pubblikata) Cit. Nru. 1246/92

[23] Art. 13 *Highway Code*

[24] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Żarb et vs Mauro Overend***

[25] P.A.GV **12.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Sammut et vs Robert Demanuele***

[26] P.A.GCD **17.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Sciberras vs Gilbert Caruana***

f'qagħda li, wkoll kieku uża l-għaqal u d-diliġenza kollha waqt li qiegħed isuq, ma kienx f'qagħda li jevita li jtajjar lil dik il-persuna[27];

Illi ladarba l-obbligu tas-sewwieq ma jestendix sal-punt li jipprovdi kontra negliġenza jew l-aljenazzjoni tal-passanti, għaliex il-passanti wkoll huwa mistenni minnu li joqgħod attend mill-perikli li jkun għaddej madwaru, għaldaqstant japplika l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, li bis-saħħa tiegħu n-negligenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mir-responsabbilità tad-danneġġjant. Kif ingħad, "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*"[28];

Illi wara li ssemmew dawn il-prinċipji, il-Qorti tirrileva li mill-provi mressqa jirriżultalha li (i) il-partijiet jidhru li kienu midħla tat-triq billi t-tnejn kienu jixtru minn għand l-istess ħanut li jbiegħ l-*ispare parts* f'dik it-triq[29]; (ii) l-inċident seħħ fil-parti tat-triq li hija dritta u tagħti viżwali tajba lejn direzzjoni u lejn l-oħra[30]; (iii) it-triq hija għat-tul b'żewġ karreġġjati u f'dik il-parti toffri viżwali sostanzjali fiż-żewġ direzzjonijiet[31]; (iv) x'ħin intlaqat, l-attur kien fuq in-naħa tat-triq li tiġi fil-karreġġjata li fuqha l-imħarrek (u t-traffiku li kien hemm warajh) suppost kellu jkun; u (v) il-karozza tal-attur kienet ipparkjata fuq in-naħa l-oħra tat-triq fejn kien jinsab il-ħanut li kellu f'moħħu li jidħol jixtri mingħandu[32];

Illi l-Qorti trid ukoll tqis il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet. Fil-każ ta' l-attur, il-Qorti għandha żewġ verżjoni ta' kif ġara l-inċident. Quddiem il-Qorti, l-attur jgħid li pparkja l-karozza fi Triq San Luqa, ġewwa Ħal Qormi biex imur jixtri minn ħanut tal-*ispare parts* li kien fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Iżid jgħid li qasam bil-galbu, wara li ra li ma kinux ġejjin karozzi, qasam u laħaq tela' fuq il-bankina u waqt li kien miexi fuq il-bankina karozza misjuqa mill-imħarrek ġiet fuqu, waddbitu mal-ħajt u kaxritu mal-art[33]. Meta kien mistoqsi fil-kontro-eżami jekk daħalx jixtri għand il-ħanut tal-*ispare parts,* l-attur jgħid li ma laħaqx wasal qabel ma ntlaqat[34]. Min naħa l-oħra, il-Pulizija li aċċeda fuq il-post tal-inċident jgħid li meta kellem lill-attur ftit wara li ġara l-inċident, huwa qallu li "kien qed jaqsam" iżda kien wisq muġugħ u ma ħadlux l-istqarrija kollha[35]. Minbarra dan, fuq verżjoni tar-"*road accident report*"

---

[27] P.A.GV **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Urpani vs Giaċinto Bartolo***
[28] ***Froom vs Butcher*** CA QB 286 (1976) per Denning LJ
[29] Ara x-xhieda mogħtija mill-attur fil-kontro eżami f'paġ. 356 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhied tal-imħarrek f'paġ. 379 tal-proċess
[30] *Ibid.* f'paġ.381 tal-proċess
[31] Ara l-iskizz Dokti "JP1" u "MB1" f'paġġ. 6 u 42 tal-proċess
[32] Ara x-xhieda tal-attur mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 356 tal-proċess
[33] Ara affidavit ta' l-attur f'paġ. 15 tal-proċess.
[34] Ara x-xhieda mogħtija mill-attur f'paġ. 356 tal-proċess
[35] Ara x-xhieda ta' Malcolm Bondin f'paġ. 56 tal-proċess

imressqa mill-Pulizija waqt is-smigħ tal-kawża[36], jirriżulta li kliem l-attur meta kellem lill-Pulizija kien "malli wasal fejn il-bankina": fi kliem ieħor, stqarr li ma kienx għadu tela' fuqha;

Illi fir-rigward tal-verżjoni mogħtija mill-imħarrek, meta mistoqsi mill-Pulizija biex jgħid x'wassal għall-inċident, huwa jgħid li ra lill-attur ħiereġ minn ġo karozza li kienet ipparkjata man-naħa l-oħra tat-triq, u qasam. Huwa pprova jevitah u kiser għal ġol-ħajt[37]. Quddiem il-Qorti, l-imħarrek jispjega li ra lill-attur fit-triq, jiġifieri li l-attur ma kienx fuq il-bankina, u x'ħin l-attur rah, reġa' ipprova jitla' fuq il-bankina iżda xorta laqtu. Wara l-inċident, sid il-ħanut li jbigħ l-*ispare parts* qallu li l-attur ħareġ mingħandu biex iġib xi flus mill-karozza[38];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, u wara li qieset fit-tul iż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet, il-Qorti tasal għal fehma li l-istqarrija tal-attur mhux ta' min joqgħod fuqha għaliex nieqsa minn konsistenza f'punti ewlenin tagħha. Għall-kuntrarju, il-Qorti tagħti piż lix-xhieda tal-uffiċjal tal-Pulizija u l-istqarrija li dan ħa mingħand l-attur ftit tal-ħin biss wara l-inċident, meta qallu li kien qed jaqsam it-triq. Fil-fehma tal-Qorti, din il-verzjoni toqrob lejn dik mogħtija mill-imħarrek meta jgħid li ra lill-attur fit-triq u mhux fuq il-bankina, verzjoni opposta għal dik sostnuta mill-attur quddiem il-Qorti;

Illi l-Qorti tqis wkoll l-argument imressaq mill-imħarrek, jiġifieri d-difiża tal-kontributorjetà għal dak li seħħ. L-imħarrek jgħid li l-attur qasam it-triq b'mod negliġenti w imprudenti, u li kien dan li wassal għall-inċident[39];

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaga li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih[40];

Illi fid-dawl tal-priċipji li għadhom kemm issemmew, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur ikkontribwixxa għall-inċident li kien imdaħħal fih billi naqas li jqis il-periklu li bih kien imdawwar u l-ambjent ta' madwaru qabel ma qatagħha li jaqsam. Il-Qorti tqis ukoll li l-*brake marks* li nstabu fuq il-post ma kinux twal b'mod tali li jitfgħu dawl ħażin fuq is-sewqan tal-imħarrek jew li seta' kien qed isuq b'mod eċċessiv. Tqis ukoll li l-fatt li l-imħarrek ittanta jagħmel manuvra biex jevita lill-attur, fiha nnifisha hija indikattiva li l-aġir tal-attur ħasdu u li l-mod kif l-attur kien qiegħed jaqsam it-triq kien wieħed

[36] Ara Dok "MB2", f'paġ. 44 tal-proċess
[37] Ara paġ. 5 tal-proċess
[38] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 377 u 380 tal-proċess
[39] It-tieni eċċezzjoni fit-Tweġiba Maħlufa f'paġ. 25 tal-proċess
[40]Ara s-sentenza P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost plc*** (mhix appellata)

erratiku. Fi kliem ieħor, persuna miexja fuq bankina, ftit li xejn tattira attenzjoni, bħalma tagħmel persuna li tkun qiegħda taqsam it-triq;

Illi minkejja dan, il-Qorti ma ssibx li l-imħarrek huwa għal kollox meħlus mir-responsabbiltà ta' dak li ġara. B'mod partikolari, hija ssib li, bil-manuvra li għamel, l-imħarrek – ukoll jekk seta' kien maħsud bl-imġiba erratika tal-attur – wera li ma kienx fil-kontroll tal-vettura li kien qed isuq u dan, fil-fehma tagħha, jixhed ksur ta' wieħed mill-prinċipji ewlenin li l-liġi titfa' fuq is-sewwieq, kif issemma aktar 'il fuq;

Illi dan kollu jfisser li, minkejja il-kontributorjetà tal-attur, ir-rabta tal-ġrajja dannuża mal-effetti li ġabet ma tintefiex bl-għemil tal-attur;

Illi għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li ż-żewġ partijiet kienu jaħtu għal dak li ġara u qiegħda tqis li din ir-responsabbiltà għandha tintrefa' ndaqs bejniethom. Dan ifisser li l-**ewwel talba attriċi** sejra tintlaqa' biss f'parti minnha;

Illi fit-tieni talba, l-attur jitlob li l-Qorti **tillikwida d-danni mġarrba** minnu. F'dan ir-rigward, il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[41], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[42]. Għalhekk, kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor[43]. Il-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil, (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha, (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilita' dejjiema kawżata minn dak l-għemil[44];

Illi f'dan il-każ, l-attur jippretendi kemm kumpens għal-danni diġà mġarrba ('*damnum emergens*') u kif ukoll għal telf għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*');

Illi għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż minfuqin mill-attur bħala riżultat dirett tal-inċident (id-*damnum emergens*), huwa ressaq pretensjoni waħda relattiva għal nefqa ta' eżami mediku. Din il-pretensjoni hija msaħħa minn prova dokumentali[45]. L-imħarrek ma jikkontestahiex[46]. In-nefqa pretiża

[41] Art. 1031 tal-Kap 16
[42] Art. 1032(2) tal-Kap 16
[43] Art. 1033 tal-Kap 16
[44] Art 1045(1) tal-Kap 16
[45] Dok "JP3", f'paġ. 17 tal-proċess
[46] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu § 7 f'paġ. 398 tal-proċess

mill-attur taħt din ir-ras ta' danni titla' għal mitejn u wieħed u disgħin euro u sbatax-il ċenteżmi (€ 291.17) u qiegħda tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ (il-*lucrum cessans*), l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attività tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet;

Illi f'dan ir-rigward hija qegħda tqis li jirriżulta mill-atti tal-proċess li d-debilità li ġarrab l-attur hija l-effett dirett tad-daqqa li qala' bil-karozza misjuqa mill-imħarrek. Din id-debilità hija marbuta ma' effetti ortopediċi. Irriżulta li, qabel dak l-inċident, l-attur jidher li kien ibati minn xi kundizzjonijiet f'saħħtu li kienu jaffettwawlu sewwa l-mobilità[47] u minn oħrajn li ma kellhox x'jaqsmu ma' mobilità. L-espert mediku maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li l-attur ġarrab debilità li ma tgħaddix ta' sitta fil-mija (6%). L-imħarrek ma jikkontestax tali valutazzjoni;

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur bħala kumpens taħt din ir-ras, huwa meħtieġ li tistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala meżż biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[48];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[49], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi

---

[47] Ara l-*File Mediku* tal-attur, f'paġġ. 132 sa 350 tal-proċess

[48] Peter Cane, *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* (6th Edit, 1999), paġ. 122

[49] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***

hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[50], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[51], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[52];

Illi meta seħħ l-inċident, l-attur kellu wieħed u sittin (61) sena, u għalhekk ukoll fid-dawl ta' dak li ngħad iżjed 'l fuq, il-Qorti sejra tqis *multiplier* ta' ħmistax-il (15) sena bħala xieraq u applikabbli għall-każ tal-attur;

Illi għal dak li jirrigwarda l-multiplikand, ħareġ mill-provi li l-attur kien pensjonant dakinhar li ttajjar mill-imħarrek u d-dħul waħdieni tiegħu kien mill-pensjoni tal-irtirar maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Fiż-żmien rilevanti, tali pensjoni kienet titla' għal ftit aktar minn ħamest elef euro kull sena netti. Minħabba li l-attur għadu jibbenefika minnha sallum u b'qies ta' żidiet li jingħataw b'mod regolari fil-pensjoni li għaliha huwa intitolat, il-Qorti sejra toqgħod fuq is-sottomissjoni tal-attur li tqis is-somma ta' sitt elef u mitejn euro (€ 6,200) bħala multiplikand;

Illi minħabba ż-żmien li se jkun għadda minn dakinhar li ġara l-inċident u li għalih l-attur ma jaħtix, il-Qorti mhijiex sejra tordna tnaqqis mis-somma li se tkun likwidata fil-każ ta' *lump sum payment*;

Illi għalhekk, il-kumpens li jistħoqq lill-attur bħala telf għal-ġejjieni kien jitla' għal ħamest elef ħames mija u tmenin euro (€ 5,580)[53];

Illi għalhekk il-kumpens li kien ikun dovut lill-attur taħt iż-żewġt irjus ta' danni jitla' għal ħamest elef tmien mija u wieħed u sebgħin euro (€ 5,871)[54];

Illi, madankollu, minħabba li l-Qorti waslet għall-fehma li l-attur jaħti daqs l-imħarrek għall-inċident, l-imsemmi ammont irid jinqasam b'nofs. Dan iwassal għal likwidazzjoni fis-somma ta' elfejn disa' mija u sitta u tletin euro (€ 2,936), fuq liema somma għandu jimxi l-imgħax legali b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

Illi għall-finijiet tat-**tielet talba attriċi**, il-Qorti ssib li l-imħarrek irid iħallas lill-attur l-imsemmija somma;

[50] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe***
[51] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe***
[52] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited***; u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et***
[53] €6,200 x 15 x 0.06 = € 5,580
[54] € 5,580 + € 291 = €5,870

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi l-kawża billi:

**Tilqa' f'parti l-ewwel talba attriċi** billi ssib li għall-inċident mertu tal-każ, l-attur u l-imħarrek jaħtu ndaqs;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tillikwida d-danni mġarrba mill-attur u li jrid jagħmel tajjeb għalihom l-imħarrek fl-ammont ta' elfejn disa' mija u sitta u tletin euro (€ 2,936);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn disa' mija u sitta u tletin euro (€ 2,936) hekk likwidata, flimkien mal-imgħax skond il-liġi fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u.

**Tordna** li l-**ispejjez tal-kawża** jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**
**10 ta' Ottubru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**10 ta' Ottubru, 2019**